**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Numru 659/2021**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jonathan Cassar]**
**[Spettur Doriette Cuschieri]**

**vs**

**Eman Ebejer**

**Illum 11 t'Ottubru 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

> "**Eman Ebejer**, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 439685M
>
> U nakkużawh talli nhar it-tlieta (3) t'Ottubru 2021 għall-ħabta ta' bejn nofs il-lejl (00:00Hrs) u s-siegħa ta' filgħodu (01:00Hrs) minn ġewwa l-istabbiliment bl-isem 'Safi Mini Market' sitwat fi Triq San Ġużepp, Safi, Malta:

1. Ikkommetta serq ta' 'flus kontanti, sigaretti u 'mobile cards', liema serq huwa kkwalifikat bil-'mezz', bil-valur u bil-'ħin', liema valur ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-detriment ta' Cecilia Barber u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra u dan *bi ksur tal-artikoli 261 (b), 261(ċ), 261 (f), 263 (a), 266 (1), 266 (2), 267, 270, 278 (3) 279(a) u 281 (ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*;

U nakkużawh aktar talli bejn is-6 t'Ottubru 2021 u l-11 t'Ottubru 2021 b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess diżpozizzjonijiet tal-liġi minn ġewwa Penthouse 14, 3GS Court, Triq Zaccaria Roncali, Żurrieq, Malta:

2. Ikkommetta serq ta' 'televixins', liema serq huwa kkwalifikat bil-'mezz', bil-valur u bil-'ħin', liema valur ma jeċċedix l-elfejn tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċenteżmu (€2329.37), għad-detriment ta' Justin Camilleri u Karen Camilleri u/jew ta' xi persuna/i oħra, u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-artikoli 18, 261 (b), 261(ċ), 261 (f), 263 (a), 266 (1), 266 (2), 267, 270, 278 (3) 279(a) u 281 (ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U nakkużawh aktar talli bejn it-3 t'Ottubru 2021 u l-11 t'Ottubru 2021 ġewwa dawn il-gżejjer:

3. Naqas milli iħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D., fid-digriet mogħti nhar it-28 ta' Settembru 2020, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

4. Ikkommetta reat waqt li kien taħt ordni ta' probation, mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. G. Vella LL.D. nhar id-9 ta' Diċembru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

5. Ikkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Maġistrat Dr J. Joe Mifsud LL.D. nhar l-24 ta' Settembru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula; u

6. Irrenda ruħu reċediv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

*Art. 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Eman Ebejer u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Eman Ebejer, u dan ai termini tal-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravita tar-reat.

Il-Qorti giet mitluba wkoll illi f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta."

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu.

Semghet lill-imputat jirriafferma l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi stante l-ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirriżultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi ghalhekk il-Qorti se tghaddi sabiex tikkunsidra l-piena.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi imposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputat, in-natura u l-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li taw lok ghal dan il-kaz.

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 261(b), 261(ċ), 261(f), 263 (a), 266 (1), 266 (2), 267, 270, 278 (3), 279(a), 281(ċ), 289,

u 579(1), 579(2) u 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna lill-imputat ghal tlett snin priġunerija effettivi, u tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat u tordna li l-imputat jiġi arrestat mill-ġdid, iżda ai termini tal-proviso tal-Artiklu 579 (1) teħles lill-imputat mill-konfiska tad-depożitu u tal-garanzija personali.

Il-Qorti qeghda ukoll tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex jirrijabilita ruhu mill-problema ta' droga u dan anke waqt il-permanenza tieghu fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur